# MINN QIEGĦ L-GĦAMMIEQ

F.X. MANGION

Minn qiegħ dal-wied tad-dmugħ, Mulej, għajjattlek,
Biex moħħi ddawwal u tirfidli l-fidi,
It-tama ssaħħaħ ġewwa qalbi mnikkta,
U, bħal wieħed bla dawl, tmexxini mn'idi.

U tlabtek biex bl-imħabba tfawwar qalbi —
Din qalbi għamara ta' kull qżież u dnub —
Bl-imħabba li ma tgħirx, u li taf tagħder,
U taħfer, u tissallab għall-maħbub.

Għax ma flaħtx aktar f'dan il-baħar ikreh
Nitħabat bla ma nista' naqbad art,
Inteftef fl-isfaq dlam, misrum għal kollox,
Imhejji biex nintrema ma' l-iskart.

Inqbadt f'burraxka li qatgħetli nifsi,
Qanqlitni sa mill-qiegħ, kessħitli d-demm,
Ġegħlitni nisħet din id-dinja u ġmielha,
U s-siegħa li twelidt għal daqshekk hemm.

Għadabt għall-proxxmu kollu, u lil Alla
Rajtu fil-bogħod, bla qalb u kapriċċjuż;
Xtaqt neqred il-ħolqien, inwaqqa' l-kwiekeb,
U nobżoq f'wiċċ min qabel kont inbus.

Għax rajt li x-xitla li nissilt fi ġnejna,
Kennejtha b'għaqli kollu mill-irjieħ
Kesħin tax-xitwa, kienet rikbet marda
Qalila li tifniha bla mistrieħ.

U rajt ix-xitla bit-taħsir tittabba',
Jisfar il-weraq, kull ma jmur jidbiel,
U l-marda ddur mal-qalba biex teqridha,
U x-xitla tnin bil-mod fir-riħ qattiel.



F'dal-wied tad-dmugħ ħassejtni ngħum bla ħajja
Imnixxef minn kull fidi, mingħajr tama,
Mejta kull xrara ta' l-imħabba f'qalbi,
Naqdef bla naf fejn sejjer qisni agħma.

Minn qiegħ l-għammieq, Mulej, għajjattlek: għini!
Ixgħelli l-fidi, f'dan id-dlam mitluq;
Qawwili t-tama illi ssaffi n-niket;
'Tini l-imħabba li l-qalb tagħni u ttuq.

# KANA

J. P. VASSALLO

Darba, fiż-żmien, ġo raħal tal-Lhudija
F'rabta ta' żwieġ kien hemm Ġesù u Marija.
Qraba, ħaddara, ħbieb u mistidnin
F'għożża ta' mħabba, kollha ferħanin.
U f'daqqa waħda indunat Marija
B'għaqal ta' omm li ntemmet il-bettija.
Hasset għal fixla ta' dawk l-imsejknin
Talbet lil Binha biex ikun ħanin.
Hares lejn l-ilma tal-ħolqien is-Sid,
Regħex l-ilma, ħammar wiċċu u sar inbid.

Ejja darb'oħra m' Ibnek, o Marija,
Ejja bl-għotjiet tal-barka u tal-qdusija.
Ejjew fiż-żwieġ tal-lum bħal mistidnin,
Mhux biss tal-fomm, iżda tal-qlub ta' Din.
Illum riti ta' qżież għandhom foħrija,
Priapus, Pluto għandhom biss latrija.
Fiż-żina, fil-kapriċċ hu biss il-ġid,
Intemmet il-mistħija ... mhux l-inbid.
Nitlob lil Ibnek, Marija, b'talb u dmugħ,
Mhux l-ilma safi jħammar ... iżda wċuħ.

20.9.72